MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 328/2007

Kawza fil-lista: 55

**ABC**
**vs**
**DE rapprezentat mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tat-30 ta' Jannar 2008**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi ABC u l-konvenut izzewgu fir-Registru Pubbliku, fl-20 ta' Settembru 1999, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

5. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b' qerq dwar kwalita tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi.

7. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fl-20 ta' Settembru 1999, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut assenti, kuntrattat fl-20 ta' Settembru 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attrici wkoll skond il-paragrafu [[c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta nkontestat li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Settembru 1999 meta allura l-attrici, cittadina bulgara kellha 19-il sena, u l-konvenut, cittadin malti, ukoll kellu 19-il sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulin circa hames xhur. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sena, il-konvenut telaq mid-dar konjugali u mar jahdem fuq cruiseliner.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tispjega kif hija kienet giet Malta bhala studentessa f' Lulju 1998, u fl-Universita' ltaqghet mal-konvenut assenti. Il-partijiet tant kienu nfattwati b' xuxlin li wara hames xhur u kontra l-parir ta' kulhadd, huma zzewwgu; izda l-problemi fiz-zwieg taghhom nqalghu mal-ewwel principalment dovut ghal hajja rresponsabbli tal-konvenut li, nonostante li huma kienu f' sitwazzjoni finanzzjarja difficli, huwa ma kienx inklinat ghax-xoghol, u minnflok, ta' spiss matul il-gimgha huwa kien johrog mal-hbieb u fi kliem l-attrici "all night missing, he comes at five, six o' clock in the morning … obviously I go to school during the day [and] at night he' s not there." u ghalhekk ir-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet dghajfa mill-bidu u kompliet tiddghajjef matul il-konvivenza. Wkoll il-konvenut kien dahhal f' rasu li ried jahdem barra minn Malta, u kien isemmi xoghol fuq l-oilrigs; eventwalment

huwa sab impjeg fuq cruiseliner bir-rizultat li l-konvivenza matrimonjali saret inezistenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta manifest il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront tal-konvenut assenti li bil-komportament tieghu ftit taz-zmien wara z-zwieg, huwa wera li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hu kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja mizzewwga; u dan jispjega ghaliex huwa ma rnexxielux jerfa’ r-responsabbilitajiet matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Settembru 1999.

L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu mhallsa provvizjorament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------